IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-16 ta' Ġunju 2016

li ġġedded il-mandat tas-supplenti għall-President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti

(2016/C 223/06)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2011 [2], il-Kunsill ħatar lis-Sinjura Sari Kaarina HAUKKA bħala supplenti għall-President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (l-"Uffiċċju").

(2) Il-mandat tas-Sinjura Sari Kaarina HAUKKA għandu jiskadi fl-14 ta' Ottubru 2016.

(3) Fl-4 ta' Mejju 2016, wara li kisbet l-opinjoni favorevoli tal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju, il-Kummissjoni pproponiet li l-mandat tas-Sinjura Sari Kaarina HAUKKA jiġġedded,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-mandat tas-Sinjura Sari Kaarina HAUKKA bħala supplenti għall-President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti huwa b'dan imġedded għal perijodu ta' ħames snin b'effett mill-15 ta' Ottubru 2016.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju huwa mogħti s-setgħa li jipprovdi għall-arranġamenti kollha meħtieġa biex jiġi implimentat l-Artikolu 1.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ġunju 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

L. F. ASSCHER

---

[1] ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2011 li taħtar is-supplenti għall-President tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Komunità tal-Varjetajiet ta' Pjanti (ĠU C 209, 15.7.2011, p. 17).